Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 55/2012AE

**Christopher Sciberras (KI 152797M)**

**vs**

**Silvio Falzon (KI 240063M) u Ezron Falzon (KI 442388M)**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Novembru 2012 it-Tribunal tal-Arbitragg ikkundanna lill-intimat Ezron Falzon ihallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef sitt mija u erbgha u tletin ewro u disgha u tmenin centezmu (€3,634.89) bhala danni oltre l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza, wara li kkonkluda li l-intimat Ezron Falzon kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-23 ta' Novembru 2009 fi Triq l-Imdina, Hal Qormi. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li l-intimat l-iehor Silvio Falzon ma kellu ebda nvolviment fl-incident in ezami, bl-unika konnessjoni kienet illi hu sid tal-vettura li kien qieghed isuq l-intimat l-iehor fil-hin tal-incident. Ghalhekk l-istess Silvio Falzon gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu ta' Ezron Falzon.

L-intimat Ezron Falzon appella fejn qieghed jitlob lill-Qorti thassar id-decizjoni tal-Arbitru ghaliex fil-fehma tieghu anke jekk l-Arbitru ghadda biex jiddeciedi l-kaz minghajr ma sema' l-verzjoni tieghu, xorta wahda ddecieda b'mod skorrett meta attribwixxa t-tort kollu lilu minghajr ma ta kaz li l-kawza prossima tal-habta sehhet ukoll *in parte* minhabba il-velocita' eccessiva li biha kien qieghed isuq l-appellat Christopher Sciberras. L-appellant jippretendi li huwa ma kellux jinghata izjed minn nofs it-tort tal-incident.

Il-qorti rat l-atti.

1. Fl-ewwel lok, ta' rilevanza ghall-appell odjern huma l-principji li jirregolaw id-doveri tax-xufiera li jkunu ghaddejjin minn triq principali u sekondarja. Issir referenza ghall-kaz fl-ismijiet: **Citadel Insurance plc noe vs Paul Scerri**[1] fejn il-Qorti osservat: "*Issa m' hemmx dubju illi in linea ta' massima min ikun hiereg minn fuq stop sign u aktar u aktar ghal fuq triq principali li hu htieglu wkoll jittraversa kellu l-obbligu magguri li qabel ma johrog jesplora sewwa t-triq li ried jidhol fiha u jcedi ghat-traffiku transitanti fuqha. Dan*

[1] App Civili Nru 393/2003 deciz fit-22 ta' Gunju 2005.

*ghaliex il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata biex tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha. (Ara Kollez. Vol. XLV P I p 389);*

*Minn naha l-ohra ma jista' jkun lanqas dubitat illi l-fatt li wiehed ikun qed isuq fi triq principali dan ma jiddispensahx certament mill-obbligu primarju nkombenti fuq kull utent tat-triq li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan."*

2. Fit-tieni lok, mill-provi l-Qorti minghajr ezitazzjoni tikkonkludi li taqbel perfettament mal-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Jirrizulta car ukoll li x-xhieda kollha okulari kkorroboraw il-verzjoni tar-rikorrent li:

   a. Ir-rikorrent kien qieghed isuq vettura fi Triq l-Imdina Hal Qormi fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug. It-triq l-ewwel tibda bi tlett karreggati imbaghad tispicca fi tnejn. Wara li ghal xi hin kien saq fil-karreggata tax-xellug estrem tat-triq, ir-rikorrent dahal fil-karregjata tan-nofs[2].
   b. L-intimat, hareg minn triq laterali min-naha tax-xellug u minghajr ma waqaf fuq l-*istop sign*, baqa' hiereg u qasam b'mod dijagonali ghall-karregjata tal-lemin tat-triq, f'liema parti t-triq tidjieq ghal zewg karreggati.
   c. Ir-rikorrent gibed lejn ix-xellug sabiex jevita l-vettura tal-appellant pero' madankollu xorta sehh l-impatt.
   d. Fil-mument tal-impatt il-vettura tal-intimat ma kinitx ghadha sabet il-posizzjoni taghha fit-triq principali; id-dinamika tal-hsarat fil-vetturi ukoll tikkonferma dan.

3. Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, il-Qorti ma tarax gustifikat l-aggravju li kien hemm responsabbilta kontributorja ghall-incident minhabba velocita eccessiva li biha kien qieghed isuq ir-rikorrent fit-triq principali. L-appellant qal li l-brejk marks jaghtu prova ta' kemm ir-rikorrent kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva. Pero' fl-atti m'hemmx din il-prova. Ghal dak li jirrigwarda l-entita' ta' hsara li saret fil-vettura tar-rikorrent, il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li 'l fatt li l-hsara kienet fis-somma ta' €3,634.89, allura din hi prova li r-rikorrent kien qieghed isuq b'velocita' iktar minn dik li tippermetti l-ligi. Wara kollox il-vettura CTR 011 kienet ghaddejja minn triq principali u jidher li l-vettura l-ohra harget f'daqqa mit-triq sekondarja. Xenarju li jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li hu mistenni li l-impatt ikun vjolenti.

Il-Qorti kkonstatat ukoll li l-provi migjuba fl-atti juru mod iehor. Mhux biss ir-rikorrent, izda anke x-xhieda okulari kkonfermaw li r-rikorrent ma kienx qieghed isuq b'velocita qawwija. Ma ntweriex fil-fatt li r-rikorrent ma wzax id-diligenza mehtiega fis-sewqan. Anzi jirrizulta li kien l-intimat li hareg b'velocita' minn fuq l-*istop sign*. Inoltre tenut kont li ma ngiebet ebda prova li turi li l-intimat kellu xi ostakli ghall-vizwali ta' vetturi gejjin

[2] F'dik il-parti t-triq kienet ghadha bi tlett karregjati

mit-triq principali, il-konkluzjoni logika fic-cirkustanzi hi illi li kieku l-intimat ezercita l-attenzjoni u l-prudenza mehtiega fis-sewqan tieghu billi ezercita a *proper look out* qabel hareg minn fuq l-*istop sign*, l-incident seta' jigi evitat.

4. Finalment, dwar l-ilment tal-appellant li t-Tribunal ma semax il-verzjoni tieghu tal-fatti, l-Qorti tinnota li –

a. Fl-ewwel seduta ffissata mit-Tribunal ghall-provi tal-intimat fis-6 t'April 2011, l-intimat Ezron Falzon lanqas biss deher. Naqas ukoll milli jiggustifika l-assenza tieghu. Deher biss l-intimat missieru mhux assistit u ma tressqux provi.
b. Ghad-differiment sussegwenti, fit-28 ta' Settembru 2011, il-partijiet u l-avukati difensuri taghhom gew individwalment notifikati. Dakinhar rega' deher biss l-intimat Silvio Falzon li nforma lill-arbitru li ibnu kien indispost u rega' ma giex registrat progress. Ma giex prezentat certifikat mediku li jikkonferma li l-intimat ma kienx f'posizzjoni li jattendi ghas-seduta.
c. Minkejja li ghas-seduta ta' wara, 3 ta' Novembru 2011, il-partijiet u l-avukati taghhom regghu gew notifikati, l-appellant irrifjuta li jixhed ghax ma kienx assistit minn avukat. Il-provi tal-intimati gew dikjarati maghluqa u l-kaz gie differit ghad-decizjoni tal-Arbitru. Ma jirrizultax li fl-intervall sakemm l-Arbitru ta d-decizjoni, saret xi talba sabiex l-intimat jinghata l-opportunita' jixhed.

Fic-cirkostanzi l-appellant kellu kull opportunita' li jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti. Li m'ghamilx dan huwa mputabbli biss ghal nuqqasijiet li ma jirrizultawx skuzabbli jew gustifikabbli.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul